# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 22 ta' Settembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 239 / 14RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-24 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), fix-Xara Palace, l-Mdina kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, bin-numru tal-att elfejn, mitejn w tlieta u ghoxrin ta l-elfejn u tnax (2223/2012);

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment in forza tal-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni datata 8 ta April 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina;

Illi l-kontendenti ma kellhomx tfal miz-zwieg taghhom;

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-frodi da parte tal-konvenut kien jikkonsisti fil-fatt illi huwa heba minn martu l-attrici il-fatt illi kien sterile, u dana anke minn qabel iz-zwieg;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m' ghandiex:

i) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafu (c) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' 1- 1975 dwar is-Zwieg (Kap 255);

ii) Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li sa minn issa jibqa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-intimat jaqbel mat-talba attrici limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla ebda effett skont il-ligi izda dan minhabba ragunjiet imputabbli lill-istess attrici u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi l-intimat jiddikjara partikolarment li huwa dejjem agixxa in buona fede, qatt ma heba xejn mir-rikorrenti u qatt ma qarraq biha, kif ukoll li qatt ma eskluda 1-elementi essenzjali taz-zwieg jew li f'xi mod kwalsiasi kien responsabbli ghall-ksur tar-rekwiziti tal-artikoli 19 1 (c) u/jew (f) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-intimat m'ghandux igorr l-ispejjez tal-prezenti proceduri li ghandhom jigu sopportati unikament mir-rikorrenti.

4. Salvi difizi ulterjuri.

Rat il-kuntratt ta’ Separazzjoni Personali tal-partijiet pubblikat minn Nutar Dottor Robert Aquilina fit-8 ta’ April 2014;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma’ nota ppresentata fl-1 ta’ Dicembru 2014;

Rat l-affidavit ta’ Eleanor Sacco, oht l-attrici, u tar-ragel taghha, David Sacco, annessi ma’ nota pprezentata fit-3 ta’ Dicembru 2014;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat l-affidavit ta' Paul Sultana, anness ma' nota tal-attrici pprezentata fid-19 ta' Mejju 2015;

Rat l-affidavit ta' lis-Specjalista Johann Craus, ippresentat fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fl-24 ta' Awwissu 2015;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-1 ta' Marzu 2016;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha, fol 18 et seq, tiddikjara li saret taf lill-konvenut, C D fin-1993 billi kienu fis-Sixth Form flimkien. Wara xi zmien regghu ltaqghu billi hi kienet tahdem mal-Vodafone Malta u l-Melita plc u hu kien klijent regolari. Fis-sena 2007 l-konvenut ziedha fuq Facebook u saret taf li f'Settembru tal-istess sena kien izzewweg lil certa Marcelle Mercieca li kien ilu maghha 12 il-sena. Kienu jikkomunikaw permezz tal-e-mails pero' ghar-ragunijiet ta' xoghol biss. Fit-28 ta' Awwissu 2009 kien baghatilha messagg biex jiltaqghu t-Tnejn 31 ta' Awwissu. Hi assumiet li ried jiltaqa' fuq xi haga relatata max-xoghol u ghalhekk accettat u ltaqghu ghal drink il-Melita Gardens. B'sorpriza rrealizzat li ma riedx jiltaqa' fuq xoghol, u beda jitkellem maghha fuq il-problemi personali li kellu billi kien qed jissepara minn martu, li kienet qaltlu li ma riditx tfal u li skopra li kellha relazzjoni extra-konjugali. Hi tghid li din kienet sorpriza kbira ghaliha billi hu kien ghadu kif izzewweg u hi ma kinitx 'close' mieghu, tant li jiftah qalbu maghha.

Wara din l-laqgha l-konvenut baqa' juri interess fiha, u bdew johorgu flimkien. Billi hi kellha 32 sena kienet qed tfittex relazzjoni stabbli u xtaqghet l-familja taghha bit-tfal. Hi kienet tarah bhala ragel serju u dejjem uriha li xtaq familja bit-tfal. L-attrici kienet staqsitu jekk kellhux il-hsieb li jgib l-annullament taz-zwieg tieghu biex jkunu jistghu jizzewgu u jibdew familja, u hu kien assikuraha li xtaq li jizzewgu. Hi ghalhekk introducietu ma' Dun Anton Portelli tal-Kurja, habib tal-familja biex jaghtih xi pariri, izda l-konvenut ddecieda li jipprocedi ghall-annullament civili, mhux tal-Knisja, billi skont hu l-process fil-Qrati kien iqsar.

Ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet sejra tajjeb hafna, hu offrielha xoghol ma' kumpanija tieghu Seasus Limited u fis-6 ta' Novembru 2009 bdiet tahdem mieghu bhala Business Development Manager. Bdew jikkoabitaw fil-flat li kellha f'Hal-Balzan, hu biegh id-dar tieghu, u hi kienet xtrat dar antika f'Haz-Zebbug, li kien qed isir xoghol ta' rinovazzjoni fiha. Kellhom l-intenzjoni li jmorru jghixu f'din id-dar.

Il-konvenut ssepara legalment fit-8 ta' Jannar 2010 u ftit wara beda l-kawza ghall-annulament civili. Meta l-attrici ghalqet 33 sena ssorprendiha b'curkett ta' valur konsiderevoli bhala simbolu ta' impenn. Spiss kienu jitkellmu fuq il-familja u t-tfal u qablu li jkollhom tfal mill-aktar fis possibbli. L-attrici tghid li xtaqet tizzewweg qabel jiffurmaw familja, u fit-13 ta' Gunju 2012 giet deciza l-kawza tal-annullament civili taz-zwieg tieghu, u ghalhekk setghu jizzewgu. Fi ftit gimghat organizzaw kollox u zzewgu fit-28 ta' Ottubru 2012.

Marru ghal-honeymoon qasir ta' sitt ijiem fil-Jamaica billi hu kellu hafna xoghol u ma xtaqx idum aktar il-boghod mill-ufficju.

L-attrici tiddikjara li l-ghan taghhom kien li jkollhom it-tfal mill-ewwel, pero' ghalkemm hi kienet toqghod attenta ghad-dati 'ma gara xejn'. Hu kien jghidilha li kellha tnaqqas mill-piz, ghax dik setghet kienet il-problema principali, ghall-attrici din ma kinitx taghmel sens billi l-istatura taghha kienet normali hafna.

Billi ma setghetx tinqabad tqila kellmet lill-gynaecologist taghha, Mr. Johann Craus. Peress li hi kienet ilha s-snin tmur ghandu, hu kellu l-informazzjoni kollha dwar sahhitha u ghalhekk xtaq li jsiru it-testijiet fuq C. Meta lis-specjalista qallu li ried li jsiru it-tests fuqu l-konvenut rrisponda li ma kienx hemm bzonn ghax kien ghamilhom sitt snin qabel waqt l-ewwel zwieg u kollox kien sew. L-attrici tghid li din kienet sorpriza kbira ghaliha billi lilha qatt ma semmielha xejn, aktar u aktar meta mill-bidu nett kienet ghamlitha cara li riedet it-tfal.

Saru t-testijiet u fit-18 ta' April 2013 il-konsulent informahom bl-ahbar hazina li C kellu 'sperm count' baxx hafna, u l-unika soluzzjoni biex jkollhom it-tfal kienet bil-procedura tal IVF jew ICSI. L-attici tghid li kienet ixxokkjata, u l-konsulent issugerixxa li qabel jipprocedi ried jara l-kopja tar-rizultati tat-tests li C kien ghamel fit-2009, biex jivverifika kienx hemm differenzi.

Wara dan l-appuntament l-attrici ikkonfrontat lill-konvenut u staqsitu ghaliex qatt ma kien qalilha xejn, u li kien jghidilha li kienet l-ex mara tieghu li ma riditx tfal. Hu irrisponda li qatt ma semma xejn ghax kollox kien sew.

Il-konvenut ammetta mal-attrici li r-rizultati tat-tests li saru fit-2009 ikkonfermaw li kellu 'sperm count' baxx izda li ma kien hemm xejn allarmanti.

Ftit granet wara ircevew ir-rizultati tat-tests li C kien ghamel fit-2009 u dawn ikkonfermaw li dak iz-zmien C kellu problema ta' low sperm count li kienet tipprekludieh milli jkollu tfal b'mod naturali. Meta l-attrici kkonfrontatu dwar dan, billi ftit granet qabel kien qalilha li ma kien hemm xejn gravi, irrisponda li r-rizultati rceviethom il-mara, li qatt ma uriethomlu u kienet qaltlu li ma kien hemm xejn gravi.

L-attrici ddikjarat li din kienet stramba ghaliha billi C hu bniedem preciz u jzomm records ta' kollox, u ma joqghodx fuq il-kelma ta' haddiehor minghajr ma jara d-dokument hu stess.

Minn dan iz-zmien ir-relazzjoni taghhom giet effettwata, hi rat tibdil fil-karattru tieghu u kull skuza kienet tajba biex jiggieled u jaqla' argument.

F'appuntament li kellha ma' Dottor Josie Muscat biex tipprocedi bl-ICSI skopriet li kellha endometriosis u giet operata fil-21 ta' Gunju 2013 minn Mr Mark Formosa. L-operazzjoni kienet success u kellha bzonn trattament ta' 6 xhur biex tfiq kompletament. Wara l-operazzjoni l-attrici talbet lill-konvenut biex jgibilha internet key biex tkun tista' tahdem matul il-gurnata li xtralha wara argument shih. Meta l-attrici kienet qed tirkupra mill-operazzjoni nnotat li C zied fit-tipjip kontra l-ordni tat-tabib, beda jdum ix-xoghol u johrog wahdu, haga li qatt ma kien ghamel qabel u dan waqt li l-attrici kienet tkun wahedha d-dar konvalexxenza. Bdiet thossha abbandonata minn zewgha, l-argumenti dejjem jizdiedu, rrealizzat li zewgha kien qed jitbieghed minnha.

Xi zmien wara dahlet lura ghax-xoghol, f'dak iz-zmien kienet tahdem mieghu, kien d-29 ta' Lulju 2013 u kienu miggildien, u fl-4pm kien mar jghidilha b'nervi kbar li kellu johrog ghall-meeting. Hi skantat ghax kellhom kalendarju 'shared' u ma kienx qalilha b'dan il-meeting. Marret fuq il-PC tieghu biex taghmel update tal-kalendarju u b'dispjacir innutat 'chat' twila ma' mara li jisimha Carina Dimech. Kien ovvju mill-kontenut li hu kellu relazzjoni ma' din il-mara. Hadet xokk kbir, cemplitlu biex jigi lura l-ufficju, ghall-ewwel irrifjuta pero' wara xi 20 minuta gie lura. Meta ikkonfrontatu ghall-ewwel baqa' jinsisti li ma kienx qed jifhem pero' wara ammetta li kien ma' din il-mara izda fuq xoghol.

Hu insista li din il-mara kienet habiba sew tieghu u li kienu ilhom jafu lil xulxin, izda dan ma kienx minnu billi fl-erba' snin li kienu ilhom flimkien qatt ma kien semmieha. Mill-kliem tac-chat kien jidher li kienu ilhom jiltaqghu.

L-ghada l-konvenut issugerixxa li jmorru ghand 'relationship therapist' li ssugerixxa hu, ghalkemm hi ma qablitx ghax ghaliha kollox kien car hafna,

accettat li tmur. Ghalkemm kontra qalba, billi xtaqet li ssalva iz-zwieg accettat li tibqa' tmur.

F'dan iz-zmien kien ikollhom argumenti kuljum, hu kien jipprova jikkonvinciha li ma' Carina ma kien hemm xejn, u ghalkemm komplew jmorru ghand it-terapista bdiet tinduna li l-konvenut kien kontinwament jigdeb fuqha waqt dawn is-sessjonijiet, semplicement biex jiggustifika l-agir tieghu.

F'Settembru 2013, C qalilha li tista' tahdem mid-dar ghax kienet qed tmur ghax-xoghol biex tkun taf x'qed jaghmel. Regghet bdiet tissuspetta hazin u darba marret l-ufficju il-Mosta u skopriet li ma kienx hemm u kien qieghed ma' Carina Dimech f'kafetterija il-Mosta. Meta ikkonfrontatu insista li tkellmu biss bhala hbieb. Din kienet daqqa ta' harta ohra ghaliha, bdiet sejra lura f'sahhitha tant li tilfet 20 kg.

Il-konvenut baqa' jaghmel ta' rasu, id-dar dejjem fuq il-laptop jew il-mobile jitkellem ma' Carina, pero' baqa dejjem jinnega. Skopriet li baghatitlu r-ritratti taghha u hu nizzilhom fuq il-mobile tieghu, sinjal car li ir-relazzjoni bejniethom kienet ghadha ghaddejja.

Ftit wara l-attrici skopriet li t-terapista li kien issugerixxa il-konvenut, cioe' Matthew Bartolo kien habib ta' Carina Dimech, u anke hi kienet qed tmur ghandu mal-partner taghha. L-attrici hasset li giet ittraduta u wafqet is-sessions mat-terapista.

Kellmet lill-genituri tieghu, li quddiemha kkonfrontawh izda hu baqa' jinsisti li ma kien hemm xejn. Fit-8 ta' Ottubru 2013 il-konvenut mar lura d-dar tard mix-xoghol, kellhom argument zghir u ddecieda li jmur jorqod fl-ispare bedroom. L-attrici qaltlu li kellu jiddeciedi hux ser jibqa fir-relazzjoni extra-konjugali li kellu. Wara argument shih qam mis-sodda, ha xi hwejjeg u mar jorqod l-ufficju. Jumejn wara qalilha li kera appartament u li kien sejjer jghix fih.

Fit-8 ta' Novembru 2013 mar id-dar ghax kellu bzonn il-hwejjeg tax-xitwa u qalilha li kien ha id-decizjoni li jtemm iz-zwieg ghax ma kienx qed jara soluzzjoni. L-ghada filghodu kmieni mar ghandha missieru li qalilha li kien wassal lill-konvenut l-Airport. Hi rrealizzat li kien gidbilha billi ma sifirx fuq xoghol izda siefer ma' Carina. Dan l-attrici kkonfermatu fuq l-internet u mal-partner ta' Carina certu John Delia.

Meta gie lura minn barra l-konvenut informaha b'e-mail li kien qed jitterminalha l-impieg b'effett minn Dicembru. Iddecidiet li tibda l-proceduri ta' Separazzjoni u f'April iffirmaw il-kuntratt.

Ghalqet ix-xhieda taghha billi ddikjarat li kienet konvinta li l-konvenut dejjem kien jaf bil-problema ta' *low sperm count* li kellu u zamm din l-informazzjoni minnha. Hi annettiet mal-affidavit ir-rizultati tat-tests medici li saru fuq il-konvenut.

**Eleanor Sacco, oht l-attrici**, fl-affidavit taghha, Fol 39, iddikjarat li hi mizzewga lil David Sacco u ilhom mizzewgin 21 sena. Hi kkonfermat li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut fit-2009, u kienet kuntenta hafna mieghu ghax it-tnejn xtaqu li jizzewgu u jibnu familja flimkien. It-tfal ghalihom kienet haga ta' importanza kbira.

L-attrici minn dejjem xtaqet li jkollha familja taghha u dejjem riedet li jkollha t-tfal. L-attrici lit-tfal thobbhom hafna in fatti ghandha relazzjoni eccellenti mat-tfal tax-xhud. Hi ddikjarat li hi 'close' hafna ma' ohtha, l-attrici, u li kienu spiss johorgu flimkien zewg koppji u anke siefru flimkien.

Ix-xhud ikkonfermat li hi u zewgha kienu spiss jitkellmu mal-konvenut li kien jidher bniedem serju u kellu l-pjanijiet tieghu ghall-futur u t-tfal dejjem kienu jissemmew.

Hi kkonfermat li ohtha A u zewgha kienu marru ghand l-ispecjalista taghha meta ma nqabditx tqila.

Kemm hi kif ukoll zewgha kienu sorprizi kif C qatt ma kien qal lil ohtha li kien diga' ghamel dawn it-tests snin qabel fl-ewwel zwieg tieghu, u s-sorpriza kienet ferm akbar meta ftit granet wara saru jafu li dawk it-tests ikkonfermaw li C ma setax jikkoncepixxi minnhabba *low sperm count.*

Ghalihom kien kontrosens kbir kif hu kien jitkellem fuq it-tfal meta kien jaf li ma setax jikkoncepixxi. Ix-xhud ikkonfermat li meta ohtha kkonfrontatu fuq dawn it-tests hu kien qalilha li r-rizultati kienet rathom l-ewwel mara tieghu li qaltlu li kollox kien sew. Din l-ispjegazzjoni xejn ma kienet konvincenti billi tests ta' tali importanza bniedem bhal C li hu bniedem preciz u jzomm record ta' kollox zgur li kien jiehu hsieb li jara personalment dawn ir-rizultati.

Minn dak iz-zmien ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora, l-attrici hasset li giet ingannata mill-konvenut li mhux biss ma qalilhiex bil-problema li kellu, izda dejjem ta' x'tifhem li ried ikollu t-tfal maghha.

Sfortunatament ghall-attrici wara din l-ahbar tant devastanti skopriet li C kellu relazzjoni extra-matrimonjali, li kienet ilha ghaddejja, u spicca biex telaq mid-dar. Hi ddikjarat li ddispjaciha ghal dak li gara lil ohtha, billi anke minnhabba l-eta'

taghha kienet herqana biex jkollha t-tfal malajr, u C ingannaha billi kien jaf li qatt ma setghax ikollu tfal u zamm dan il-fatt minnha.

Zewgha, **David Sacco**  ikkonferma l-affidavit ta’ martu Eleanor Sacco.

**Paul Sultana**, Laboratory Director f’St James Hospital, fl-affidavit tieghu, Fol 53 ghamel riferenza ghall-Clinical Pathology Report datat 28 ta’ Mejju 2009, Dok PS1 u kkonferma illi l-pazjent kien certu C D, it-tabib patologista kien Dr Sarfaz Ali u li minn dawn it-testijiet jirrizulta li l-pazjent kellu *low sperm count.*

Ikkonferma ukoll li anke it-tests li saru fuq l-istess pazjent skont ir-rapport tat-8 ta’ April 2013, kellhom l-istess rizultat cioe’ li kellu *low sperm count.*

L-ispecjalista **Mr Johann Craus**, Obstetrician and Gynaecologist, fl-Affidavit tieghu, Fol 64 ikkonferma li l-attrici ilha pazjenta tieghu mit-2007, kienet tmur ghandu ghal check-ups regolari u visiti ta’ rutina fuq bazi annwali.

Fit-2013 l-attrici talbitu parir billi ma kienx qed jirnexxhielha tohrog tqila.

L-attrici marret ghandu flimkien ma’ zewgha, C D, fl-14 ta’ Marzu 2013, billi kienet pazjenta tieghu kien jaf li l-attrici kienet fi stat ta’ sahha tajba. Hu ordna li jsiru is-soliti tests fil-kazijiet ta’ infertilita’ cioe’ tests tal-hormones ghal A u analizi ta’ l-isperma ghas-Sur D.

Dan qallu li ma kienx hemm mil-htiega li dawn it-tests jerga’ jsiru billi kien gia’ ghamilhom fit-2009. It-Tabib insista li kellhom jerga jsiru billi kienu ghaddew erba’ snin.

Saru it-testijiet fuq is-Sur D u l-ispecjalista kkonferma li r-rizultati huma ezibiti, u markati bhala Dok PS2 Clinical Patology Report datat 8 ta’ April 2013 u irrizulta li s-Sur D ghandu *low sperm count* u fil-fehma tieghu l-possibilita’ li l-koppja jkollhom tfal b’mod naturali kienet zghira hafna.

Peress li l-konvenut kien qallu li kien gja ghamel dawn it-tests snin qabel hu ordna kopja taghhom biex ikun jista’ jikkompara iz-zewg rizultati. Ghamel referenza ghal-Clinical Pathology Report tat-28 ta’ Mejju 2009 esebit u mmarkat Dok PS1 u kkonferma li s-Sur D kellu l-istess problema fis-sena 2009.

**Il-konvenut, C D,** fl-affidavit tieghu, Fol 66, ikkonferma li kien sar jaf lill-attrici A B meta kienu fis-Sixth Form fin-1993.

Kellhom xi kuntatti fuq xoghol u fis-sajf tat-2009, billi kien ghaddej minn moment difficili, kien qed jissepara fiz-zwieg precedent tieghu, kien ltaqa’

maghha socjalment. Kienu hadu pjacir bil-kumpanija ta' xulxin u wara bdew johorgu flimkien.

F'Gunju 2012 iz-zwieg precedenti tieghu gie annullat b'sentenza tal-Qorti Civili ghar-ragunijiet attribwibbli lill-mara.

F'Awwissu 2012 kien siefer f'Helsinki mal-attrici u kellhom argument fuq id-data taz-zwieg. Hu jghid li kienu gia' ddiskutew diversi drabi u qablu li jizzewgu pero' l-attrici ghamlet pressjoni biex malli jirritornaw malta jibdew il-preparamenti ghat-tieg. Izzewgu f'Ottubru 2012, il-konvenut jghid li din id-decizjoni kienet wahda mghaggla wisq.

Hu kkonferma li f'Marzu 2013, billi A ma nqabditx tqila kkonsultaw ma' gynaecologist. Wara li saru it-testijiet iddikjara li kemm hu kif ukoll A kellhom xi kundizzjoni li jistghu jostakolaw il-koncepiment, hu kellu problema ta' *low sperm count* u hi kellha il-kundizzjoni ta' endomertriosis.

Hu jghid li meta kellimhom l-ispecjalista ftakar li kien ghamel test simili snin qabel u dan semmieh kemm lil A kif ukoll lil gynaecologist, billi haseb li seta' jkun rilevanti. Ikkonferma li l-gynaecologist insista li dawn jsiru mill-gdid billi kien ghadda certu zmien u l-affarjiet setghu nbidlu. Hu jghid li dan kien konferma li t-tests li saru qabel ma kienux ta' importanza kbira, ghax setghat kienet sitwazzjoni temporanja. Dan it-test kien ghamlu ftit gimghat qabel tkisser iz-zwieg precedenti, minnhabba it-taqlib ta' din is-sitwazzzjoni ma segwiex din il-kwistjoni u ma kellux kopji tar-rizultati ta' dawn it-tests. Jghid li fit-2009 meta kellu dak ir-rizultat ghamel ricerka fuq l-internet dwar din il-kundizzjoni u sab li din tista tkun kundizzjoni temporanja, ghalhekk ma kienx taha importanza.

Hu jghid li kieku ried jahbi dan il-fatt lil A ma kienx isemmih meta it-tabib staqsih biex jaghmel test simili. Hu jghid li sa dak iz-zmien ma kienx jahseb li kien hemm problema serja. It-tabib issuggerilu li jaghmel xi tibdiliet fuq l-istil ta' hajja tieghu, jieqaf ipejjep u jiehu xi supplimenti li jghinu f'dawn il-kazijiet.

Ikkonferma li A kellha taghmel xi intervent dwar l-endometriosis. Inghataw il-parir li jekk ma jkollhomx success kien ikollhom jirrikorru ghal-metodi aktar komplikati bhal l-IVF.

Din is-sitwazzjoni gabet pressjoni fuq il-koppja, kellhom problemi kbar ta' kommunikazzjoni u r-relazzjoni bdiet titkisser. Ghalkemm kienu jahdmu flimkien A gieli kienet taghmel gimghat shah ma tkellmux.

Il-konvenut jghid li sab ruhu wahdu f'din r-relazzjoni u ghalhekk fetah qalbu ma' habiba antika li inzertat kienet ghadejja mill-istess esperjenza mal-partner taghha.

A bdiet takkuzah li kellu relazzjoni extra-maritali maghha, hu ssugerixxa li jmorru ghand terapista, marru ghal ftit drabi, izda ma kellhomx success.

Ir-relazzjoni taghhom kompliet tmur ghall-aghar, f'Ottubru 2013 kellhom argument li eskala u A waddbitlu hwejjgu mill-gwardarobba ghal-isfel mit-tarag u rieditu jitlaq mid-dar. Hu telaq dakinhar stess billi fehem li ma setax jibqa' f'dik is-sitwazzjoni.

In kontro-ezami l-konvenut ammetta li kien ra r-rizultati tat-tests li saru fit-2009, Fol 80. Hu ammetta ukoll li l-ewwel darba li qal lil A li kien ghamel dawn it-tests kien quddiem il-gynaecologist., Fol 82. Ammetta li meta kienu qed jippruvaw ikollhom it-tfal lil A ma qallhiex li kien ghamel dawn it-tests, Fol 86. Hu ammetta ukoll li l-partner prezenti tieghu hi Carina Dimech, Fol 89.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici qed titlob li jigi dikjarat u deciz li z-zwieg kkuntrattat mal-konvenut fit-28 ta' Ottubru 2012 huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta'1975 dwar iz-Zwieg(Kap 255) u li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici tissottometti li n-nullita' ghandha tigi dikjarata ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-attrici tippretendi li l-konvenut qarraq biha, billi kien jaf bil-kundizzjoni li kellu u mhux talli ma qalilhiex izda kien jassikuraha li hu bhalha, xtaq jizzewweg biex jkollu it-tfal. Id-difiza tal-konvenut hi fis-sens li hu ma heba xejn billi seta` ma qal xejn meta kien maghha ghand il-gynaecologist, u li mir-ricerka li kien ghamel dik il-kundizzjoni setghat tirrizulta minn diversi cirkostanzi, u setghet tkun temporanja u mhux definittiva.

**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255** tal-Ligijijet ta' Malta jipprovdi :-

***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***- omissis –***

***(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

***- omissis –***

In tema legali jinghad illi mhux kull qerq dwar il-kwalita' tal-konjugi jwassal ghall-annullament. Il-ligi tispecifika li sabiex il-qerq iwassal ghall-annullament taz-zwieg irid ikun dwar *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Il-Prim' Awla fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg** (22 ta' Mejju 1995) osservat li:- *"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-porpjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

Peress li s-sub-inciz in dizamina huwa identiku ghal regolament fil-Kodici Kanoniku issir referenza ghal dak li intqal fix-xoghol ta' **VViladrich P.J.** intitolat **Matrimonial Consent, Code of Canon Law Annot.[1]:** *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and established the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjual partnership are irrelevant and in this sense, they are merely arbitrary or trivial."*

Issir referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-Prim' Awla fid-9 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat fir-rigward tal-kuncett tal-'qerq' b'mod generali:

> *"kwanti ghal 'qerq'...........dan certament hu motiv ta' nullita' tal-ftehim tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat (Artikolu 981 (2.) Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta'".*

Issir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale et nomine** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn gie dikjarat illi *"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*

*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*
*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*

[1] **Caparros, E. et al**. ed 1993, Wilson and Lafleru, Montreal.

*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*
*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali.*

Il-Qrati taghna sostnew li z-zwieg ikun null skond dana is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra **"Fattah Perry vs Dr A. Mifsud et"** (Prim' Awla - 22 ta' Novembru 1982).

Ikkunsidrat;

Mill-provi mressqa jirrizulta illi mill-bidunett tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet l-attrici kienet taghmilha cara mal-konvenut illi kienet ix-xewqa taghha li meta jizzewgu jkollhom familja bit-tfal. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien jiddikjara maghha u anke ma' persuni qrib taghhom illi dik kienet ix-xewqa tieghu ukoll. L-attrici spjegat illi meta iltaqghet mal-konvenut hija kellha gia' fuq it-tletin sena u ghalhekk kienet ix-xewqa kbira taghha illi tifforma familja u ma thalliex hafna snin jghaddu biex taghmel dan.

L-attrici takkuza lill-konvenut illi dahaq biha meta kien jaf li ghandu problema relatata mal-fakolta' tieghu li jkollu t-tfal u ma qaliliha proprju xejn dwar il-problema ta' *low sperm count* li minnha kien isofri. Gie ppruvat minghajr ebda ombra ta' dubju illi l-konvenut kien konxju li kellu din il-problema peress li gew ezebiti r-rizultati xjentifici tat-testijiet medici li kien ghamel snin qabel fis-sena 2009. Ir-ragunijiet li ta l-konvenut ghaliex lill-attrici qatt ma semmielha xejn dwar dawn it-testijiet medici ma hiex qed tigi accettata mill-Qorti. Il-konvenut jghid illi huwa ma kienx taha importanza dik il-kondizzjoni peress li fuq l-internet kien sab li tali kondizzjoni taf tkun temporanja. Raguni din li l-Qorti ssib li ghandha mill-assurd tenut kont illi l-attrici kienet taghmilha cara mieghu li trid it-tfal wara li jizzewgu. Huwa evidenti ghall-Qorti illi l-konvenut ma qalx lill-attrici qabel izzewgu li huwa kellu problema f'dak li jirrigwarda il-fakolta' tieghu li jipproduci l-ulied peress li kien wisq probabbli li ma tkompliex bir-relazzjoni taghha mieghu.

Appena huwa necessarju jinghad illi n-nuqqas ta' ulied fiz-zwieg ma jwassalx ghall-annullament taz-zwieg. Pero', meta jirrizulta bhal kaz in dizamina illi l-konvenut ikkommetta qerq fil-konfront tal-attrici meta heba minnha l-kondizzjoni medika fuq imsemmija li fixklet serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet, javveraw l-estremi kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255.

In bazi ghall-provi prodotti l-Qorti qed tikkonkludi li l-konvenut huwa hati ta' qerq fil-konfront tal-attrici fit-termini tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Ottubru 2012 huwa null u bla effett legali ai termini tal-Artikolu 19 sub-inciz (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**